

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-7 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Krajský soud v Ostravě – ir-Repubblika Ċeka) – Ivo Muladi vs Krajský úřad Moravskoslezského kraj

(Kawża C-447/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport — Direttiva 2003/59/KE — Obbligu ta' kwalifika inizjali — Artikolu 4 — Drittijiet miksuba — Detenturi ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa qabel id-dati previsti fl-Artikolu 4 — Eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi rekwiżit supplimentari ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa sabiex tibbenefika minn din l-eżenzjoni)

(2016/C 335/33)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Krajský soud v Ostravě

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ivo Muladi

Konvenut: Krajský úřad Moravskoslezského kraj

Dispożittiv

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2003, dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perijodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha rekwiżit ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa huwa meħtieġ mill-benefiċjarji tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni, previst f'dan l-artikolu, sabiex jeżerċitaw l-attività tas-sewqan inkwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 389, 23.11.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landesgericht Wiener Neustadt – l-Awstrija) – Admiral Casinos & Entertainment AG vs Balmatic Handelsgesellschaft mbH et

(Kawża C-464/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Logħob tal-ażżard — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi, taħt piena ta' sanzjonijiet kriminali, l-operazzjoni ta' magni tal-logħob b'rebħ limitat (kleines Glücksspiel) fin-nuqqas ta' permess maħruġ mill-awtorità kompetenti — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni — Proporzjonalità — Evalwazzjoni tal-proporzjonalità abbażi kemm tal-għan tal-leġiżlazzjoni fil-mument tal-adozzjoni tagħha kif ukoll tal-effetti tagħha waqt l-implementazzjoni tagħha — Effetti kkonstatati empirikament b'ċertezza)

(2016/C 335/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht Wiener Neustadt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Admiral Casinos & Entertainment AG

Konvenuti: Balmatic Handelsgesellschaft mbH, Robert Schnitzer, Suayip Polat KG, Ülkü Polat, Attila Juhas, Milazim Rexha

Dispożittiv

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, matul l-istħarriġ tal-proporzjonalità ta' leġislazzjoni nazzjonali restrittiva fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, il-qorti ma għandhiex tibbaża ruħha biss fuq l-għan ta' din il-leġislazzjoni, kif jidher fil-mument tal-adozzjoni tagħha, iżda wkoll fuq l-effetti tal-imsemmija leġislazzjoni, evalwati sussegwentement għall-adozzjoni tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 398, 30.11.2015

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší soud České republiky – Ir-Repubblika Ċeka) – Tommy Hilfiger Licensing LLC et vs Delta Center a.s.

(Kawża C-494/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet — Direttiva 2004/48/KE — Rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali — Kunċett ta' "intermedjarju li s-servizzi tiegħu kienu użati sabiex jinkiser dritt tal-proprjetà intellettwali" — Kerrej ta' swali fejn jinżamm suq li jissulloka l-punti ta' bejgħ — Possibbiltà li tingħata ordni fir-rigward ta' dan il-kerrej — Artikolu 11)

(2016/C 335/35)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyšší soud České republiky

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tommy Hilfiger Licensing LLC, Urban Trends Trading BV, Rado Uhren AG, Facton kft, Lacoste SA, Burberry Limited

Konvenuta: Delta Center a.s.

Dispożittiv

- 1) It-tielet sentenza tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandha tiġi interpretata fis-sens li jaqa' taħt il-kunċett ta' "intermedjarju[u] li s-servizzi [tiegħu] kienu użati minn parti terzi biex issir il-kontravvenzjoni [jinkiser] tad-dritt tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, il-kerrej ta' swali fejn jinżamm suq li jissulloka l-punti ta' bejgħ differenti li jinsabu f'dawn is-swali lil negozjanti, li wħud minnhom jużaw l-ispazju tagħhom sabiex ibiġħu merkanzija ffalsifikata ta' prodotti tad-ditta.
- 2) It-tielet sentenza tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/48 għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta l-ordni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mogħtija lil intermedjarju li jipprovdi servizz ta' kiri ta' punti ta' bejgħ fi swali fejn jinżamm suq, huma identiċi għal dawk, relattivi għall-ordnijiet li jistgħu jingħataw lill-intermedjarji f'suq online, stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, L'Oréal et, (C-324/09, EU:C:2011:474).

⁽¹⁾ ĠU C 414, 14.12.2015.